RABAT

***KUNSILL LOKALI IR-RABAT***

**MINUTI tal-Laqgħa A 09**
* **Il-Kumitat Amministrattiv tal-Virtu` iltaqa` nhar** Data u ħin
**Il-Ġimgħa 29 ta' April 2011 fis-6.30 p.m.**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Lino Pace Bonello | Chairperson |
| Is-Sur Anthony Grixti Soler | Vici-Chairperson |
| Is-Sna Cecilia Bonello | Membru |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru |
| Is-Sna. Roberta Ciantar | Deputat Segretarju Ezekuttiv |

**Skuzata:**

Is-Sna Etienne Stephania Gatt

**1.00 Approvazzjoni tal-Minuti A08**

1.01 Ic-Chairperson is-Sur Lino Pace Bonello ppropona li l-minuti tas-seduta numru A 08 tal-Kumitat Aministrattiv ta' tal-Virtu' jittieħdu bħala moqrija. Is-Sna. Cecila Bonello issekonda din il-proposta. Il-minuti gew approvati. Approvazzjoni tal-Minuti A08

**2.00 Korrezzjonijiet tal-Minuti A08**

2.01 Dwar minuta 8.01 il-Profs. Grixti Soler qal li trid tigi emendata u tigi taqra hekk kif gej: Korrezzjonijiet
"Il-Profs. Grixti Soler informa lill-Kumitat li hawn ghijdut li l-MEPA harget permess biex isiru 120 appartament minnflok il-lukanda verdala u allura dan l-izvilupp irid jittiehed inkonsiderazzjoni meta ssir il-laqgha bejn il-Kunsill, it-Transport Malta u l-MEPA fejn ser jigi diskuss it-traffic management."

2.02 Dwar minuta 8.05 is-Sur Lino Pace Bonello qal li t-triq mijiex Alessandro Curmy izda triq Guzeppi Caruana.

KUNSILL LOKALI RABAT
8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

3.00 **Punti Mqajma**

3.01 6.01 Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informat il-laqgha li ntbaghtet ittra lis-Sur Pio Farrugia fi hdan id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn ingibditlu l-attenzjoni dwar dan il-kaz. Hu nfurmana li biex isir ezercizzju ta' verifikazzjoni irridu nikbtu lill-Kummissjoni Elettorali. Ghaldaqstant, intbghatet ittra lill-Kummissjoni Elettorali izda s'issa ghad m'ghandniex risposta. Il-Kumitat Amministrattiv qabel li ghandha tintbghat *reminder* wara li jghaddi r-Referendum dwar id-Divorzju. Lista tar-residenti fil-konfini ta' Tal-Virtu

3.02 8.03 Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informat il-laqgha li l-Kunsill approva li titnaddaf il-bankina msemmija u li jigi kkuntattjat sid l-ghalqa sabiex itella` ic-cint. Is-Sur Lino Pace Bonello qal li hemm aktar minn ghalqa wahda u ghalhekk ippropona li ghandu jigi stabbilit min huma s-sidien ta' l-ghelieqi qabel ma nnaddfu l-bankina. Il-Profs. Grixti Soler ippropona li ghandna nikbtu lid-Dipartiment ta' l-Artijiet sabiex niksbu din l-informazzjoni. Il-Kumitat qabel. Xoghol ta' manutenzjoni fi Triq Godwin Ganado

Dwar il-passagg li jaghti ghall-ghelieqi li inghalaq l-access tieghu b'xatba, id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informat il-laqgha li intbghatet ittra lid-Dipartiment ta' l-Artijiet, fejn gejna infurmati li dan il-passagg fil-fatt huwa passagg pubbliku. Ghalhekk, intbghatet ittra lill-MEPA sabiex jintbghatu l-'enforcement officers' taghhom.

Il-Profs. Grixti Soler qal li wara li jerga` jinfetah ghall-pubbliku, jkun hemm il-htiega li dan il-passagg jitnaddaf peress li jinsab imblukkat bis-shrubs u titwahhal tabella li tindika li dan huwa passagg miftuh ghall-pubbliku.

3.03 8.05 Is-Sur Lino Pace Bonello qal li din il-bankina ma tinsabx fi Triq A Curmi izda fi Triq Guzeppi Caruana. Huwa informa l-laqgha li din issewwiet mill-haddiema ta' l-IPSL. (ritratt provdut). Xoghol ta' manutenzjoni fuq il-bankina ta' Triq A Curmi

3.04 8.06 Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informat il-laqgha li dan ir-rapport ghaddejnih lid-Drainage Section. Manutenzjoni fuq manhole fi Triq Pietru Caxaru

3.05 8.07 Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informat il-laqgha li dan ir-rapport ghaddejnih lill-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma. Tappiera nieqsa fi Triq G Ganado

3.06 8.08 Is-Sur Lino Pace Bonello talab biex nergghu nikkuntattjaw lis-Sur Mangion Hajt imwaqqa f'tal-

tal-Palazz tal-Virtu`, peress li l-hajt ghalkemm tnehha, xorta ghad fadal hafna gebel zghir mal-genb tat-triq u thallew zewg knaten kbar tal-konkos fil-haxix. Virtu

4.00 **Quarterly Financial Report (Jan – Mar)**

4.01 Is-Sur Lino Pace Bonello ipprezenta l-Quarterly Financial Report ghall-ewwel kwart tas-sena, liema rapport jinsab anness ma' dawn il-minuti. Quarterly Financial Report (Jan-Mar)

4.02 Is-Sur Christopher Farrugia issuggerixxa li fit-tender document li jmiss li johrog rigward il-knis, fil-perjodu tas-sajf il-frekwenza tal-knis tonqos minn darbtejn fil-gimgha ghal darba fil-gimgha. Kuntratt tal-Knis

5.00 **Zviluppi fil-progett ta' access ghal tal-Virtu (Memo 94/2010)**

5.01 Is-Sur Lino Pace Bonello qal li l-process jidher li wehel peress li ma nistghux nipprocedu qabel ma' johrog il-permess tal-MEPA.
Huwa ppropona li d-dizinn ta' dan il-progett jehel man-notice board ta' hdejn Villa Messina. Il-Kumitat approva. Zviluppi fil-progett ta' access ghal Tal-Virtu

6.00 **Hajt ta' ghalqa mwaqqa fi Triq Godwin Ganado**

6.01 Is-Sur Lino Pace Bonello qal li dan l-item diga` gie diskuss f'punti mqajma nru 3.02. Hajt ta' ghalqa mwaqqa fi Triq Godwin Ganado

7.00 **Abbozz ta' stemma**

7.01 Is-Sur Lino Pace Bonello qal li l-Kumitat Amministrattiv gie mitlub jipprezenta abbozz ta' stemma li fil-fehma tieghu jissimbolizza l-istorja ta' Tal-Virtu. Hu diga` avvicina lil xi residenti minn tal-Virtu stess li fil-fehma tieghu jistghu jghinuna fl-abbozz ta' din l-istemma. Abbozz ta' stemma

7.02 Is-Sur Christopher Farrugia ukoll kellem lil xi nies, kemm residenti f'Tal-Virtu, kif ukoll barra minn tal-Virtu` sabiex jghinuna fl-abozz, izda s'issa kull ma waslulu huma zewg abbozzi tas-Sur Paul Cilia. Huwa ta spjega ta' dawn iz-zewg abbozzi. Ic-cippuss qed jissimbolizza l-fdalijiet punici.

7.03 Il-Profs. Grixti Soler sahaq li c-cippus m'hijiex sinonima ma' Tal-Virtu. Huwa qal

li wiehed jinsab Ghawdex u l-iehor barra minn Malta.

7.03 Is-Sur Lino Pace Bonello qal li huwa jhoss li l-unika zewg postijiet li jisimbolizzaw tal-Virtu huma l-Kastell u l-Kappella ta' tal-Virtu`.

7.04 Is-Sna. Cecilia Bonello qalet li qabel ma nbnew id-djar, l-unici zewg postijiet li kien hemm kienu fil-fatt il-kastell u l-kappella ta' tal-Virtu, kif ukoll il-Kullegg.

7.05 Il-Profs. Grixti Soler issuggerixxa li nsibu lil xi hadd professjonali sabiex jiddisinja din l-istemma.
Is-Sur Lino Pace Bonello qal li l-KA huwa mitlub jipprezenta abbozz, imbaghad dan l-abbozz ser jigi rrangat minn nies professjonisti mqabbdin mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.
Ghaldaqstant, kulhadd gie mheggeg mic-Chairperson Lino Pace Bonello sabiex jaghmlu tiftix fl-istorja sabiex kulhadd jigi bil-proposti tieghu ghal-laqgha li jmiss.

## 8.00 Affarijiet Ohra

8.01 Is-Sur Lino Pace Bonello qal li l-Kunsill ircieva kopja li harget 'Enforcement Notice' lill-Kummissarju ta' l-Artijiet peress li hemm *Shooting Range* minghajr il-permessi mehtiega. Enforcement Notice fuq ix-Shooting Range

8.02 Is-Sur Christopher Farrugia qal li residenti minn Triq Alessandro Curmi ~~gibidlu~~ gibdulu l-attenzjoni li hemm tlett arbli tal-Go plc li jhossu li jistghu ikunu ta' hsara ghall-bniedem. Huwa qal li dawn huma 'radio waves' u li xjentifikament huwa ppruvat li ma jaghmlux gid ghal tfal zghar. Huwa kkumenta wkoll dwar il-fatt li lanqas l-ghasafar m'ghad ikun hemm fis-sigar ta' dawn l-akwati. Huwa ppropona li nikkuntattjaw lill-Malta Communications Authority sabiex naraw jekk il-Go ghandhomx il-permessi mehtiega sabiex jinstallaw dawn ir-repeaters. Is-Sur Lino Pace Bonello issekonda din il-proposta. Arbli tal-Go plc fi Triq A Curmi

8.03 Is-Sur Lino Pace Bonello talab sabiex jigi ccekkjat jekk kienx hemm il-permess mehtieg sabiex tithaffer hofra fi Triq Godwin Ganado. Hofra fi Triq Godwin Ganado

8.04 Is-Sur Lino Pace Bonello qal li hemm container fit-triq tas-Seminarju. Dan jinsab aktar il-gewwa mis-seminarju qabel il-Kastell tal-Virtu. Huwa talab li nikkuntattjaw lill-awtorita kompetenti sabiex naraw jekk dan il-container ghandux Gebel madwar il-Kastell tal-Virtu

permess jitpogga fit-triq.

8.05 Il-Profs. Grixti Soler tkellem dwar il-possibilita li jigu nstallati CCTV cameras mad-dawra tal-Virtu. Gie deciz li jingabru l-kwotazzjonijiet dwar din is-sistema. Installazzjoni ta' CCTV's

9.00 **Aggornament**

9.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar il-Gimgha 27 ta' Mejju 2011. Aggornament

9.02 Il-laqgha ntemmet fit-8.15 p.m.

**Lino Pace Bonello**
**Chairperson**

**Roberta Ciantar**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Administrative Committee Tal-Virtu'

Management Accounts
for the period ended
31 March 2011

Table of Contents


| | Pages |
|---|---|
| Statement of Income and Expenditure | 1 |
| Notes to the Financial Statements | 2 - 3 |

## Statement of Income and Expenditure

| | Notes | 1st January 2011- 31st March 2011 ( 3 months) |
|---|---|---|
| | | € |
| **Income** | | |
| Funds received from central government | 1 | **13,631** |
| **Expenditure** | | |
| Operations and Maintenance | 2 | **5,905** |
| Administrative and other Expenditure | 3 | **2,015** |
| | | **7,920** |
| **Surplus for the period** | | **5,711** |

## Notes to the Financial Statements
## For the period ended 31 December 2010

### 1. Funds Received from Central Government

| | 1st January 2011-<br>31st March 2011<br>( 3 months)<br>€ |
|---|---|
| In terms of Section 55 of the Local Councils Act (Cap 363) | **13,631** |

### 2. Operations and Maintenance

| | 1st January 2011-<br>31st March 2011<br>( 3 months)<br>€ |
|---|---|
| **Repairs and Upkeep:** | |
| Road and street pavements | - |
| Street Signs | - |
| | - |

| | 1st January 2011-<br>31st March 2011<br>( 3 months)<br>€ |
|---|---|
| **Contractual Services:** | |
| Refuse collection | **2,556** |
| Road and street cleaning | **1,995** |
| Bulky Refuse | **133** |
| Waste Disposal | **1,127** |
| Cleaning and Maintenance of Non-Urban Roads | **85** |
| Other contractual services | **9** |
| | **5,905** |
| | **5,905** |

## 3. Administration and other expenditure

| | 1st January 2011-<br>31st March 2011<br>( 3 months)<br>€ |
|---|---|
| Professional services | **713** |
| Other support services | **45** |
| Advertising | **13** |
| Utilities | **108** |
| Executive salary and employees' salaries | **1,136** |
| | **2,015** |